MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 68/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud u Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Jean Claude Camilleri ta' 17-il sena, iben Carmel u Mary Jane nee' Spiteri, imwieled Rabat (Ghawdex), fil-04 ta' Dicembru, 1991, u residenti fil-fond numru 'Solitaire', Triq Ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 2992(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jean Claude Camilleri li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-20 ta' Frar, 2009, u matul l-ahhar hames xhur ta' qabel, gewwa x-Xlendi (Ghawdex) u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

a) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) u (c) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-5 ta’ Gunju, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali u l-eta’ tal-imputat. Jidher inoltre illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 8 (a) (c) tal-Kapitolu 101tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ zmien li jkun qieghed taht zmien kundizzjonat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------